# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Għoxrin (20) ta’ Ottubru 2020**

**Rikors Numru 137/14/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Luigi Agius u, b’digriet datat 14 ta’ Novembru 2019, l-atti ġew trasfużi fuq Joseph Schembri (ID 220956M)**

**Vs**

**Jimmy Vella**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 13 ta’ Frar 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

*Illi permezz ta’ sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet Luigi Agius vs Jimmy Vella, ċitazzjoni numru 112/12 JA u deċiża fis-27 ta’ Frar 2013, kopja ta’ liema sentenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata dokument A, fil-kontumaċja tal-esponenti laqgħat it-talbiet attriċi fl-interita’ tagħhom u ordnat ukoll illi x-xogħolijiet ordnati li l-esponenti kellu jagħmel in forza tal-imsemmija sentenza, jekk dawn jibqu’ ma’ jsirux sa żmien xahar mid-data tas-sentenza dawn kellhom isiru mill-attur, a spejjeż tal-esponenti u taħt is-sorveljanza tal-perit arkitett Valerio Schembri u dana wara fl-imsemmija sentenza l-Ewwel Qorti ddikjarat fil-korp tal-istess sentenza u f’paġna 3 tal-istess "rat illi l-konvenut,* ***debitament notifikat*** *naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċi skond il-Liġi; …”*

*Illi kif joħroġ bl-iżjed mod ċar miż-żewġ riferti li ħarġu l-Marixxalli, Julian Caruana fil-15 ta' Frar 2012 u Charles Buttigieg fit-2 ta’ Ottubru 2012 l-*

*esponenti ma kien qatt ġie notifikat biċ-ċitazzjoni in kwistjoni, liema riferti negattivi qed jiġu hawn annessi dokument B u C rispettivament.*

*Illi l-iżball li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza ddikjarat illi l-esponenti kien fil-fatt ġie nnotifikat biċ-ċitazzjoni u għalhekk għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża fil-kontumaċja tiegħu kien probabbilment minħabba l-kontenut tal-verbal tal-istess Qorti tal-31 ta' Ottubru 2012 meta hekk iddikjarat skond kif jidher mill-prime note tas-seduta ta' dak in-nhar kopja ta' liema verbal qed tiġi hawn annessa u mmarkata dokument D.*

*Illi għalhekk għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi l-esponenti qatt ma' kien notifikat skond il-Liġi u ai termini tal-Artikoli 187 u 188 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bir-rikors ġuramentat li abbażi tiegħu ngħatat is-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u għaldaqstant is-sentenza in kwistjoni għandha tiġi mħassra kollox ai termini tal-Artikoli 811(b), 812 u 818(1)(b) tal-istess Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti ntebaħ l-ewwel darba bl-eżistenza tal-kawża fl-ismijiet Luigi Agius vs Jimmy Vella u meta rċieva mingħand l-avukat Dr. Reno Borg ittra legali datata tas-27 ta' Novembru 2013 segwita minn oħra datata 13 ta' Jannar 2014 u li fiha l-esponenti ġie mitlub biex iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tal-attur f'dik il-kawża liema ittra qed jiġi hawn annessi u mmarkati rispettivament* ***dokument E u F.*** *Qed tiġi eżebita wkoll risposta legali mibgħuta mill-konsulent legali tar-rikorrenti b'risposta għall-ittra tat-13 ta' Jannar 2014 b'din ir-risposta qiegħda tiġi wkoll annessa u mmarkata* ***dokument G.***

*Għaldaqstant u invista tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti qatt ma ġie debitament notifikat, skond il-Liġi, bl-atti tar-rikors ġuramentat tal-kawża fl-ismijiet imsemmija hawn eżebita u mmarkata* ***dokument A.***

2. *Konsegwentement, tħassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija sentenza.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra Luigi Agius, inklużi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Jannar 2014 indirizzata lill-konsulent legali u bl-inġunzjoni tal-imsemmi Luigi Agius għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Luigi Agius ippreżentata fl-14 ta' Marzu 2014 fejn laqa' għal dak mitlub, billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi preliminarjament ir-rikors odjern huwa irritu u null peress li r-ritrattant huwa attur fil-kawża ta' ritrattazzjoni u għalhekk ma jistax jindika lilu nnifsu bħala konvenut stante li l-proċedura ta' ritrattazzjoni hija kawża ġdida u mhux kontinwazzjoni jew prolongazzjoni ta' l-ewwel kawża.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikors odjern huwa irritu u null stante li qed jiġi mitlub it-tħassir tas-sentenza mingħajr mhu qiegħed jintalab ir-ritrattazzjoni tagħha mill-ġdid. Il-proċedura ta' ritrattazzjoni tinporta*

*żewġ stadji - dik ‘in rescindente’ u dik ‘in rescissorio’.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kawża saret tardivament peress li Jimmy Vella ilu jaf bis-sentenza għal aktar minn tlett xhur minn meta intavola din il-kawża.*

*4. Illi mhux minnu li l-istess Jimmy Vella ma ġiex notifikat skond il-liġi fl-ewwel kawża, iżda kif jidher mir-riferta tal-marixxall ta' ordni sabiex ma jiġux aċċettati atti tal-qorti, u rifjut ta' notifika jitqies mill-liġi bħala notifika effettiva.*

*Għaldaqstant it-talbiet kif kontenuti fir-rikors ġuramentat ta' Jimmy Vella għandhom jiġu miċħuda. Bl-ispejjeż kontra l-istess Jimmy Vella.*

3. Rat illi fit-30 ta' Ġunju 2015, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, kienet laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat u ddikjarat ir-rikors promotur bħala irritu w null.

4. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Appell ħassret id-deċiżjoni fuq imsemmija u bagħtet l-atti lura sabiex tisma' l-każ fid-dawl ta' l-eċċezzjonjiet l-oħra mqajjma.

5. Rat illi fl-24 ta' Novembru 2016 il-kawża giet differita għas-smiegħ tax-xhieda.

6. Rat ix-xhieda ta' **Jimmy Vella**, mogħtija fil-25 ta' April 2017. (fol 55)

7. Rat illi fil-25 ta' April 2017 Jimmy Vella ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

8. Rat il-kontro ezami ta' Jimmy Vella illi saret fid-9 ta' Mejju 2018. (fol 70)

9. Rat ix-xhieda tal-Marixxal tal-Qorti **Charles Buttigieg** mogħtija fit -13 ta' Ġunju 2018. (fol 79)

10. Rat ix-xhieda ta' **Adrian de Carlo**, mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2018. (fol 81)

11. Rat illi fit-3 ta' Lulju 2019 dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti.

12. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2019, l-atti ġew trasfużi minn Luigi Agius għal fuq Joseph Schembri, u dana wara illi Luigi Agius miet u l-eredi tiegħu, Lonza Agius, ddikjarat illi l-unika persuna illi kellu interess fil-kawża odjerna kien Joseph Schembri. (fol 89)

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Schembri** mogħtija fis-6 ta' Frar 2020.

14. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020, Joseph Schembri ddikjara illi ma kellux aktar provi.

15. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Joseph Schembri ippreżentati fl-4 ta' Ġunju 2020.

16. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Jimmy Vella ippreżentati fil 5 ta' Ġunju 2020.

17. Rat illi fil-11 ta' Ġunju 2020, il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq it-talba ta' ritrattazzjoni.

## Fatti

18. Jirriżulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi fit-3 ta' Frar 2012, Luigi Agius nieda proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kontra Jimmy Vella, fl-ismijet '*Luigi Agius vs Jimmy Vella* – Rikors Nru 112/2012', fejn ir-rikorrent Agius talab lill-Qorti tordna lill-intimat Jimmy Vella jiftaħ sqaq li jagħti minn Triq ta' Bengħajsa għal Triq ta' Hal Far illi huwa kien għalaq, kif ukoll imexxi xatba minnu mressqa a dannu ta' Agius lura fejn kienet u jneħħi siġar li għamel Vella viċin il-ħajt li jifred il-propjeta' ta' Vella minn ma' ta' Agius.

19. Jirriżulta illi fil-31 ta' Ottubru 2012, il-Qorti, wara illi rat li n-notifika kienet ġiet rifjutata mill-intimat, l-Qorti għaddiet biex iddikjarat tali notifika bħala waħda valida fil-Liġi u ordnat it-tkomplija tal-kawża.

20. Rat illi fis-27 ta' Frar 2013, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għaddiet biex ppronunzjat is-sentenza tagħha, fejn laqgħet it-talbiet kollha ta' Luigi Agius u ordnat lil Jimmy Vella jirrimedja fi żmien xahar mis-sentenza.

21. Rat illi r-rikorrent Luigi Agius għarraf lil Jimmy Vella bid-deċiżjoni tal-Qorti permezz ta' żewġ ittri legali, wħhda datata 27 ta' Novembru 2013 u oħra datata 13 ta' Jannar 2014 (fol 11 u 12 rispettivament).

22. Rat illi fit-13 ta' Frar 2014, Jimmy Vella ippreżenta l-proċeduri odjerni sabiex tintalab ir-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikoli 811(b), 812 u 818 (1) (b) tal-Kap 12.

## Ikkunsidrat

23. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna hija imsejsa fuq dak illi jipprovdi l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12, liema artikolu jipprovdi illi kawża tista' tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza fil-każ illi:

> *Jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*

24. Jirriżulta illi ir-ritrattant, Jimmy Vella, fix-xhieda tiegħu, kemm in eżami kif ukoll in kontro eżami, jisħaq illi huwa qatt ma kien ġie notifikat bl-atti tal-kawża u sar jaf biha biss meta rċieva l-ittra mingħand il-konsulent legali ta' Luigi Agius filwaqt illi nsista illi ħadd mill-impjegati tiegħu ma għaddewlu xi dokumentazzjoni relatata mal-kawża li kien fetaħ Luigi Agius.

25. Jirriżulta, mill-atti tal-kawża 112/2012 fl-ismijiet '*Luigi Agius vs Jimmy Vella*' li ġew allegati mal-proċeduri odjerni fuq ordni ta' dina l-Qorti, illi, a fol 13 ta' tali proċess hemm riferta maħruġa mill-Purtier tal-Qorti, Charles Buttigieg, datata 2 ta' Ottubru 2012, illi fiha, għal dak li jirrigwarda n-notifika ta' Jimmy Vella hemm miktub illi huwa mar l-indirizz tal-Mosta u "*kien hemm Adrian De Carlo ... ID 562276M u qalli li għandu ordni mis-Sur Vella biex ma jaċċetta xejn meta ma jkunx hemm hu.*"

26. Jirriżulta illi l-Marixxal tal-Qorti Charles Buttigieg, ġia' Purtier tal-Qorti, fix-xhieda tiegħu, kkonferma illi huwa mar fl-uffiċini ta' Jimmy Vella u, meta daħal fl-uffiċju sab

lil Adrian De Carlo, illi qallu li kellu ordni mingħand Jimmy Vella li ma jaċċetta xejn meta ma jkunx hemm Vella. Il-Marixxal stqarr illi spjega l-importanza tal-att lil De Carlo u, wara li baqa' ma jaċċettax l-att, ħa n-numru tal-identita' tiegħu u niżżel in-nota kif fuq ġia' riprodotta.

27. Jirriżulta illi Adrian De Carlo, fix-xhieda tiegħu, kkonferma illi huwa kien impjegat ma' Vella Group u kien jieħu ħsieb l-Accounts u stqarr illi meta ra illi n-notifika kienet fuq Jimmy Vella personalment, huwa pprova jikkomunika ma' Jimmy Vella u sussegwentement ma aċċettax in-notifika tagħha. De Carlo stqarr ukoll illi huwa kellu struzzjonijiet speċifiċi illi jekk ikun hemm "*xi karti mill-Qorti fuq Vella Group aħna naċċetawhom.*" Jirriżulta, madanakollu, illi fil-każ odjern, peress illi l-atti kienu f'isem Jimmy Vella personalment, huwa ma aċċettahomx.

28. Jirriżulta illi Adrian de Carlo stqarr illi ma jiftakarx x'għamel wara illi rċieva tali riferta.

29. Jirriżulta illi ma hemm ebda kontestazzjoni illi l-indirizz '<u>Vella Group Limited, 53, Dun Mark Cordina Perez Street, Mosta</u>', huwa l-indirizz tal-post tax-xogħol, ossija kumpannija, ta' Jimmy Vella, tant illi hija indikata minn Jimmy Vella stess fil-proċeduri odjerni.

30. Jirriżulta illi, a tenur tal-Artikolu 187(1) tal-Kap 12,

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja* ***titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol*** *jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew* ***f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna*** *jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.*

31. Jirriżulta mhux ikkontestat illi s-soċjeta' Vella Group Limited hija s-soċjeta' ta' Jimmy Vella.

32. Jirriżulta mhux ikkontestat wkoll illi Adrian De Carlo kien persuna fis-servizz tas-soċjeta' ta' Jimmy Vella, u għalhekk ta' Jimmy Vella.

33. Jirriżulta, għalhekk, illi l-persuna fis-servizz ta' Jimmy Vella, ossija Adrian De Carlo, irrifjuta n-notifika tal-Avviż tar-Rikors, liema notifika sabiex fil-post tas-xogħol ta' Jimmy Vella.

34. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta fil-31 ta' Ottubru 2012, ddikjarat illi n-notifika lill Jimmy Vella tal-atti tal-kawża u avviż tas-smiegħ kienet waħda valida fil-liġi u li għalhekk il-kawża setgħet titkompla.

35. Jirriżulta ċar, mill-provi prodotti, illi l-elementi rikjesti fl-Artikolu 811 (b), illi abbażi tagħha Jimmy Vella qiegħed jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Qorti mogħtija fis-27 ta' Frar 2013, ma jissusistux peress illi jirriżulta illi Jimmy Vella kien debitament notifikat a tenur tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12.

36. Għalhekk, it-talba għat-tħassir tas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Frar 2013, ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet bil-miktub,

Wara illi rat il-Liġi,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talba kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta' Jimmy Vella.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**